DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 141/2007

tas-26 ta' Ottubru 2007

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 109/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE ([2]), għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2006/66/KE tħassar, b'effett mis-26 ta' Settembru 2008, id-Direttiva tal-Kunsill 91/157/KE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim u li għaldaqstant għandha titħassar taħt l-istess Ftehim b'effett mit-26 ta' Settembru 2008,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Il-punt li jmiss għandu jiddaħħal wara l-punt 12w (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 850/2004):

"12x. **32006 L 0066**: Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, 29.9.2006, p. 1)."

2) It-test tal-punt 11 (Direttiva tal-Kunsill Nru 91/157/KEE) għandu jiġi mħassar b'effett mis-26 ta' Settembru 2008.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2006/66/KE, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2007, sakemm ikunu ngħataw in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ZEE (*).

([1]) ĠU L 47, 21.2.2008, p. 29.
([2]) ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 78, 26.3.1991, p. 38.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON